MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 520/2012

**A B**
**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tal-elf disa` mija seba u sebghin (1977) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda, illum maggorenni ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Elena Farrugia mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru elfejn u sebgha (2007). (Ara Dok. B anness).

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju favur il-wild stante li l-wild hija maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena u lanqas m'hemm arretrati dovuti stante

illi meta sehhet is-separazzjoni legali l-wild kienet diga` maggorenni ;
Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok. B, Klawsola 4) il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut.

Illi m' hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ftit inqas minn hames (5) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta .

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata mill-istess intimata bil-gurament taghha, illi permezz taghha ippremettiet :

Illi l-esponenti m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghad-divorzju bejnha u zewgha A B u ghal kull buon fini qed tannetti ma din ir-risposta, l-affidavit taghha, immarkat Dok MAZ;

Illi l-esponenti tista' tikkonferma illi hi u A B zzewgu fit-22 ta' Dicembru tas-sena 1977, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness mar-rikors tal-attur, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla unika, illum maggorenni;

Illi l-esponenti tikkonferma illi hi u l-attur sseparaw permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Elena Farrugia, datat is-26 ta' Novembru 2007, liema kuntratt huwa anness mar-rikors tal-istess attur; u ghalhekk il-partijiet ilhom isseparati u jghixu hajja separata ghal iktar minn 4 snin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

Illi m'hemm l-ebda prospett ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk jehtieg li jiehdu d-divorzju u dan ai termini tal-artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Novembru 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut peress illi l-ulied huma maggorenni u illi peress ukoll illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali il-partijiet kienu irrinunzjaw mid-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------